**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Saviour Baldacchino)**
**(Spettur Josric Mifsud)**
**vs**
**Marflene Cricchiola**

**Kumpilazzjoni Numru: 407/15**

**Illum, sitta (6) ta' Dicembru, 2021**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Marflene Cricchiola detentur tal-karta tal-identita' numru 513386M akkuzat talli nhar il-11 ta' Frar 2015 ghall-22:48hrs gewwa l-fond 'Best Play', Triq Santa Tereza, Bormla;

1. ikkommetta serqa ta' sitt elef u erbgha mitt ewro (6,400) fi flus kontanti b'uzu ta' arma regulari li huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur u bil-hin ghad-detriment ta' Johann Cremona u/jew persuni jew intraprizi ohra bi ksur tal-art. 261(a)(b)(c)(f), 262(b), 263(b), 267, 270, 276, 277(b), 279(b), 280(2) Tal-Kap. 9, tal-Ligijiet ta' Malta

2. minghajr ordni skond il-Ligi tal-Awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta l-hati, arresta, zamm jew issekwestra lill-Jonathan Cardona, kontra l-volonta' tieghu bi ksur tal-art 86 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta

3. ukoll talli gewwa il Gzira hedded minghajr ma darab lil Jonathan Cardona b'uzu ta' arma tan-nar bi ksur tal-Art. 339(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta

4. zamm f'xi fond jew kellu fil-pussess tieghu, taht il-kontroll tieghu jew garr barra minn xi fond jew fid-dintorni tieghu arma tan-nar u cioe' pistola minghajr licenza taht l-Att dwar l-Armi; bi ksur tal-art 5(1) tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta

5. Sar recidiv ta' sentenzi mghotija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula u dan ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha pprezentati;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat il-fedina penali tal-imputat li hija wahda refrattarja;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata disgha (9) ta' April elfejn u tmintax (2018) fejn biha elenka l-Artikoli tal-Ligi li bihom jitlob li tinstab htija kontra l-imputat u cioe':-

- Fl-Artikolu 261(a)(b)(c) u (f) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 262(a)(b) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 263(b) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 267 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

- Fl-Artikolu 270 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 275 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 277(b) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 280(2) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 279(b) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 86 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 289 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 339(1)(b) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 17, 31, 49, 50 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 5(1), 51(2) u 24(1)(a)(i)(ii)(iv) tal-Att dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi wara li gew moqrija dawn l-Artikoli lill-imputat, huwa ma kellux oggezzjoni li dawn il-proceduri jigu trattati minn din il-Qorti bi procedura sommarja;

Semghet ix-xhieda kollha u n-noti ta' sottomissjoni tal-partijiet;

## IKKUNSIDRAT

Illi mix-xhieda ta' **PS 341 Jurgen Dalli** hareg illi fil-hdax (11) ta' Frar 2015 ghall-habta tal-hdax ta' filghaxija (23:00hrs), waqt li kienu ronda f'Bormla rceva telefonata illi kienet qed issir *hold up* fil-Best Play ta' Bormla stess. Mar ma' PC 1359 fuq il-post u milli qal il-*manager* tal-post il-malvivent kien ta' statura medja u mibni u li kien liebes *hoodie* blu. Dan il-*manager* kellu suspett f'persuna li ma kienx jaf x'jisimha izda li kien isuq karrozza Del Sol CRX hamra bi *sticker* sewda mal-genb ta' *bodybuilder*.

Meta ghamlu ronda wara t-triq tal-Best Play, innutaw din il-karrozza Del Sol CRX bl-*isticker* imsemmija qabel DNS 602, u fil-pront hareg l-imputat minn go post faccata. Dan kien liebes *t-shirt* abjad u qalziet tat-*tracksuit* blu. Dan kien sejjer ghall-karrozza tieghu u cioe' din is-CRX hamra u meta waqqfuh dan qallhom li kien sejjer xi *tournament* u mbaghad ghand it-tfajla tieghu. Hu fil-pront staqsihom

jekk hux qed iwaqqfuh fuq il-*hold up* ta' hawn isfel. Gie esebit rapport immarkat dokument JD1.

Illi **PC1359 Reuben Zammit** ikkonferma dak li kien xehed qablu l-kollega tieghu.

Xehed ukoll **Jonathan Cardona** fejn spjega li dakinhar tal-allegat reat gie fuqu wiehed ragel mghammad b'senter u qallu sabiex itih il-kontanti, u wara qallu wkoll biex jiftah is-*safe* u jitfa' l-flus fil-basket li kellu. Jghid li x'hin dan telaq ghafas il-buttuna tal-*panic* u minnufih gew il-pulizija. Huwa jghid illi qatt ma taha deskrizzjoni ta' din il-persuna izda sema' xi pulizija jsemmi isem Manfre jew Malfren u qallu li kien jaf xi hadd b'dak l-isem u li kien gieli gie jilghab u li kellu karrozza Del Sol. Dan qallhom li l-malvivent kellu l-istess statura ta' dan Marflene li gieli kien gie jilghab hemmhekk. Ix-xhud ta l-unika deskrizzjoni li seta' jaghti u cioe' li kien liebes *hoody* sewda u xalla sewda li kienet tghattilu wiccu. Hu kkonferma li kien hemm kamera ta' sigurta' fil-post. Ix-xhud ma setax jaghraf lil hadd meta mistoqsi sabiex ihares fl-awla.

**PC 384 George Genovese** spjega illi Johnatan Cardona kien qallhom li ftit qabel li sehhet il-*hold up* kien dahal Charlston Cassar maghruf bhala l-*Muga* fejn dan ried jilghab u ma kellux *ID Card* fuqu u ghalhekk ma hallewhx jidhol. Illi jghid illi dan Cassar ikun hafna ma' Marflene Cricchiola.

Xehdet ukoll **Karen Cremona** min-naha tat-Transport Malta fejn ikkonfermat illi l-vettura Honda CRX ta' kulur ahmar DNS 602 hi rregistrata fuq l-imputat minn Awwissu 2014.

Xehed ukoll l-**Ispettur Saviour Baldacchino** fejn dan spjega illi Cardona kien spjegalu l-incident li sehh qabel ma' Charlston Cassar u li kienet issuspettatu. Izda dan Cardona qal illi ma jistax ikun li Cassar kien wettaq is-serqa ghaliex dan kien qsajjar hafna u li l-persuna li kien wettaq is-serqa kien twil u mibni. Hu qal li Cardona kien qallu li l-malvivent kien ifakkru f'persuna li kienet gieli tmur tilghab u li kien isuq karrozza Del Sol hamra. L-Ispettur Baldacchino rrakonta x'kienu qalu l-ufficjali tal-pulizija qablu a rigward ta' meta nstab l-imputat u tenna li ma sabu l-ebda affarijiet li kienu jirrelataw mas-serqa la fuq

l-imputat u l-anqas f'xi propjeta' tieghu. Ix-xhud jghid ukoll illi kien kellem lil Charlston Cassar fejn dan ikkonferma li hu kien hbieb ta' Marflene Cricchiola izda nnega xi nvolviment f'din is-serqa. Huwa kkonferma li ftit qabel kienu flimkien izda li wara hadu triqat separati. Huwa jghid ukoll illi minn tfittxija li ghamel fuq il-midja socjali, sab ritratt fejn l-imputat kien liebes papocc skur bl-istrixxi bojod fil-genb ezatt kif kien liebes il-malvivent ta' din is-serqa. Meta kien staqsa lill-imputat ghalxiex kien semma' l-*hold up* meta sabuh il-pulizija, huwa qal illi dan kien jaf li kien gara xi haga ghalxiex kien hareg barra ghaliex kien haseb li gara xi haga bejn ommu u l-*partner* taghha peress li kellhom xi nkwiet.

Ix-xhud jghid ukoll illi minn ezami tal-filmat mill-kameras tas-sigurta' huwa seta' jara illi l-malvivent meta dahal fil-post u ra li kien hemm il-kameras dan ghatta wiccu u bil-fixla hakk idejh ma' kaxxa tal-metall u ta daqqa sew bl-id il-leminija. Fil-fatt talab biex l-imputat jigi ezaminat minn Dr Mario Scerri wara talba li kien ghamel lill-Magistrat Doreen Clarke.

Xehed is-sid tal-istabbiliment **Johann Cremona** fejn dan spjega illi minhabba din is-serqa huma sofrew dannu ta' hamest elef (5,000) jew sitt elef (6,000) ewro. Gie kkonfermat is-CD rigwardanti l-filmat mertu ta' dan l-incident (Dok. SB14).

Xehed l-**Ispettur Josric Mifsud** li esebixxa sentenza mmarkata bhala dokument JM1 a rigward l-addebitu tar-recidiva.

Semghet l-espert **Dr Steven Farrugia** Sacco li esebixxa rapport mmarkat Dok. SFS2 li kien intalab jezamina zewg (2) *mobiles* tal-marka Samsung.

Semghet lill-espert nominat mill-Qorti **Joseph Mallia** fejn dan ghamel ezami komparattiv tal-impronti digitali tal-imputat u kkomparahom ma' dawk elevati fil-post tad-delitt (Dok. JMM1) u rrizultaw fin-negattiv.

**IKKUNSIDRAT**

Illi rat l-atti tal-inkjesta numru 183/16 redatta mill-Magistrat Dr. Doreen Clarke u mmarkata bhala Dok. MGC1.

Illi mill-atti tal-inkjesta din il-Qorti hadet konjizzjoni tar-rapport tal-espert Dr. Mario Scerri li ezamina lill-imputat u li kkonstata illi dan kellu xi grif fuq id il-leminija li kienu jirrisalu ghal xi jumejn mid-data tal-ezami u xi grif ohra fuq l-id tax-xellug li kienu jirrisalu ghal xi gimgha qabel.

Illi rat ukoll ir-ritratti (*stills*) tal-mument li fih il-malvivent dahal fil-post *de quo*. Innutat illi dan kien liebes *hoodie* bil-komma twila tal-kulur blu jghajjat izda li wiccu ma kienx jidher. Dan kien liebes ukoll *tracksuit bottoms* tal-lewn skur u papocc skur bl-istrixxi bojod kif tara lil hafna nies bl-istess ghamla l-gurnata tal-lum.

**<u>IKKUNSIDRAT</u>**

Illi huwa oramaj risaput illi fi proceduri bhal dawk odjerni trid tingieb dejjem 'il quddiem l-ahjar prova. Infatti fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Emad Masoud</u>** (Qorti tal-

Appell Kriminali deciza fis-16 ta' Mejju 2019) gie ritenut is-segwenti:

*"Illi jinkombi fuq il-prosekuzzjoni sabiex tressaq l-ahjar prova u sabiex tipprova l-kaz taghha fuq bazi ta' minghajr dubju dettat mir-raguni. Filwaqt li d-difiza ma ghandha bzonn tipprova xejn.*

*Dwar l-oneru ta' prova, kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Supretendent Ian Joseph Abdilla)(Spettur Kevin Borg) vs. Joseph Baldacchino Farah Kirpalani Philip Micallef' (Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar l-24 ta' Mejju, 2017 (Numru 809/2005) ghalkemm dwar mertu u imputazzjonijiet differenti minn dawk in kwistjoni:*

*Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-*

*imputati huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):*

*"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

*Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputati jigu ddikjarati hatja, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.*

*Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Philip Zammit et u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li "dubju jkun dak dettat mir- raguni".*

*Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 flismijiet Il-Pulizija vs. Peter Ebejer, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz Miller vs. Minister of Pension - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt".*

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote*

*possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

Illi jirrizulta f'dawn il-proceduri illi l-unika prova li tista' tinkolpa lill-imputat hija l-fatt illi forsi l-istatura tal-malvivent ma' dik tal-imputat huma simili u li l-imputat kellu xi grif ma' jdejh. Fil-kumplament lill-imputat hadd ma gharfu, ma nstabux l-ebda marka tas-swaba tieghu fuq il-post tas-serqa minkejja l-fatt illi hu jidher li kien minghajr ingwanti, u l-anqas instab fil-pussess tal-imputat l-ebda oggett jew ilbies li seta' forsi jwassal ghall-involviment tal-imputat f'din is-serqa.

Illi skont is-sentenza fl-ismijiet **<u>Repubblika ta' Malta vs George Spiteri</u>** moghtija mill-Qorti tal-Appell Superjuri nhar il-5 ta' Lulju 2002 gie ddikjarat is-segwenti:

*"Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi*

*haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill- gudikand sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.*

*L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat*

*mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.*

*Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha."*

Madankollu skont is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri fl-ismijiet **Pulizija vs Cyrus Engerer** (deciza App Kriminali fit-8 ta' Mejju 2014) gie ppuntwalizzat ukoll illi:

*"...Biex wiehed jistabilixxi jekk l-provi cirkostanzjali huma univoci wiehed irid jara l-assjem ta' dawn ic-cirkostanzi migjuba bhala*

*prova u li dan il-konvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. In oltre il-konkluzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista jintlahaq izda trid tkun l-unika wahda li tista twassal ghal htija b'mod ragonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem iehor jekk jinholoq dubbju dwar l-univocita tal- provi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wiehed ragonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta' univocita."*

Illi kif diga' nghad aktar 'il fuq f'din is-sentenza l-unici indizzji li forsi jistghu jwasslu ghall-imputat huma l-grif li kellu l-imputat f'idejh li ftit minnhom kienu jirrisalu ghall-perjodu antecedenti ghal dik tas-serqa u l-papocc li jidher li kien liebes il-malvivent u li l-ufficjal investigattiv, wara tfittxija li ghamel fuq il-midja socjali tal-imputat, rah liebes wiehed bhalu. Izda dawn l-indizzji wehidhom ma jistghux iwasslu ghall-konvinciment morali li l-imputat kellu xi sehem mas-serqa u dan ghaliex kif diga' nghad l-imputat

kellu aktar grif fuq idejh li setghu jsiru b'kull mod u bir-rispett kollu jekk il-malvivent kien liebes flokk ohxon u bil-kmiem twal, ma tistax tifhem il-Qorti kif seta' jkollu dawk il-grif irqaq. A rigward il-papocc, minghajr ma ssemmi marki, din il-Qorti hija ben konxja tal-fatt illi l-maggjor parti taz-zghazagh f'dawn iz-zminijiet jilbsu dik il-marka taz-zraben u ghalhekk ma tistax tasal ghal xi kolpevolezza bbazata fuq dan biss.

Illi di piu' minkejja li l-imputat inqabad ftit wara s-serqa u l-pulizija rawh hiereg minn residenza partikolari, tali residenza ma gietx perkwizita u l-imputat effettivament ma kienx liebes l-istess hwejjeg ta' x'kien liebes il-malvivent. Inoltre' minn tfittxija li saret fil-vettura tieghu ma nstab xejn l-anqas. Illi jinghad ukoll illi x-xhud Jonathan Cardona, anke fi stadju bikri fl-inkjesta dejjem stqarr li ma kellu suspetti f'hadd u ma setax jaghraf lill-imputat bhala dak il-malvivent minkejja l-fatt illi l-imputat kien jafu ghaliex kien imur jilghad xi kultant fil-lokal fejn saret is-serqa.

Ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputat **Marflene Cricchiola** hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u konsegwentement tilliberah minnhom.

_______________________________________

**Ft/Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**

**Dep. Reg.**